**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Mosta

**Illum,** 5 ta' Mejju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paola Ciantar)**
**-vs-**
**Paolo Vella detentur tal-karta tal-identità numru 951346M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Paolo Vella u ċioe` talli:

Nhar it-28 ta' Lulju, 2020, għall-ħabta tas-6:40hrs ġewwa Triq Francesco Napuljun Tagliaferro, Mosta:

1. Żamm kemm li għandu aktar minn sitt xhur mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. Bħala persuna li kellu xi kelb taħt il-kontroll tiegħu, ħalla lil dak il-kelb jiġġerra f'xi triq jew f'post pubbliku ieħor, mingħajr ma kellu kontroll tiegħu jew mingħajr ma żammu b'ċinga;
3. Bħala persuna li kellu xi kelb taħt il-kontroll tiegħu, ħalla lil dak il-kelb jiġġerra f'xi triq jew f'post pubbliku ieħor, mingħajr ma kellu kontroll tiegħu jew mingħajr sarima;
4. ħalla lil dak il-kelb jiġġerra f'xi triq jew f'post pubbliku ieħor, mingħajr ma kellu kontroll tiegħu jew mingħajr ma kien liebes kular bl-isem u bl-indirizz tas-sid fuq il-kullar;

5. bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' periklu għan-nies, naqas li jżomm dak il-kelb taħt kontroll;
6. f'istess jum, lok u ċirkostanzi ikkaġuna lil Claire Shephard feriti ta' natura ħafifa skont ma ċċertifika Dr. Anthony Cini M.D. Reg. No. 6082 miċ-ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Mix-xhieda ta' **Claire Shephard** irrizulta li waqt li kienet miexja fit-triq Francesco Napuljun Tagliaferro, Mosta, giet migduma minn Rottweiler *"bhala kura jiena ghaddietli, ferita bil-kemm tidher pero ghadni inbati tugani, ma nistax immisha, ma nistax nilbes takkuna, ghax mal-muscle il-gidma kienet"*. Tiddeskrivi x'sehh *"f'daqqa wahda hareg dan il-kelb jigri ghalija hemm gidimni thank god* <u>*is-sid*</u> *ghajjatlu mill-ewwel u rega' il-kelb mar lura, ….hu ried johodni il-policlinic……… thank god hareg mill-ewwel jghajjat* ***'harabli harabli', il-kelb kif semgha lehnu waqaf****, hemm pero ovjament jiena taht xokk, harablu jigifieri"*. Semmiet kif mill-istess mahzen kienu johorgu wkoll klieb zghir bhal Chihuahuas *"kienu jghaddu min taht il-bieb u dakinhar kien hemm il-bieb miftuh"*.

Dwar l-persuna li tiddeskrivi bhala sid il-kelb, anke minhabba li dak il-hin kienet taht xokk taghmel is-segwenti dikjarazzjoni meta mitluba tghid jekk hux tgharraf lill-imputat bhala l-persuna li skond hi kien is-sid tal-kelb, *"ragel tal-eta kbira nahseb hu* ***mhux certa imma nahseb mhux certa****"*.

Minkejja li l-imputat jibqa ma jigix identifikat minn Shephard bhala sid il-kelb mill-affidavit ta' WPC343 Daniela Healey jinghad li minn investigazzjonijiet li saru, l-imputat Vella gie identifikat bhala sid il-Rottweiler li gidem lil Shephard.[1] Madanakollu <u>minn imkien ma jirrizulta sal-grad rikjest</u> dak li wassal sabiex Vella jigi identifikat bhala sid il-kelb in kwistjoni.

Dan jinghad anke tenut kont ta' dak li hemm dikjarat fil-**Current Incident Report** esebit mill-istess prosekuzzjoni kif ukoll mill-istess affidavit gja citat.
Fir-rapport l-unika darba li jissemma li l-imputat Vella hu s-sid tal-kelb, hu propju meta qed jigi deskritt <u>dak li Shephard qalet lill-pulizija</u> meta sar ir-rapport u <u>mhux ghaliex wasslu ghalih il-pulizija</u>. Fir-rapport insibu, *"dan il-kelb*

[1] Affidavit datat 3 t'Ottubru, 2020.

*hareg jigri mill-yard u mar dirett fuqha u hatfilha sieqa u* *<u>dak il-hin l-istesss sid hareg</u>* *jigri jghajjat u qal lill-kelb jidhol gewwa u il-kelb mal-ewwel hekk ghamel. Ir-ragel anzjan qalilha li harablu u ofrilha igibha ic-centru tas-sahha".*

Fil-fatt jirrizulta li l-imputat jghix f'indirizz differenti, li l-post minn fejn hareg il-kelb hu *yard* li fiha jithallew trakkijiet taz-zibel u li wara li thalliet *letter to call* fil-*letter box* tal-*yard* ghall-imputat, kien Jamie Vella li mar l-ghassa ghaliex kien hu li kien registrat fuq dak l-indirizz. Jintqal li Jamie Vella stqarr mal-pulizija *"Din il-yard hija bejn <u>hafna zijiet u kugini tieghu fosthom missieru</u>……bejn wiehed u iehor hemm 20 ruh li ghandhom access ghal din l-art. Jamie ma ghandux klieb…ma jafx hemm xi Rottweiler gewwa din il-yard…sa fejn jaf hu ma hemmx. Imma peress li tintuza minn hafna nies, li certu minnhom ilu ma jkellimhom 15 il-sena huwa ma jafx ezatt. Imma hemm hafna klieb fosthom ta' triq li ma ghandhomx sid habba hemm scammels gewwa din il-yard ta' diversi sidien differenti.F'din il-yard hemm nies ukoll li jidhlu hemm ghax huma haddiema ma xi scammel kif ukoll ghax xi hadd min sidien ikun taha permes biex ihallu trck hemm.".*

Jigi sottolinejat li dan Jamie Vella semma biss li "missieru" – li **jibqa ma jigix pruvat minn hu** – jkun fil-yard sal-12:00hrs, izda minn imkien ma jirrizulta li <u>missieru biss</u> kien ikun fil-yard fil-hinijiet msemmija.

Ghaldaqstant dak li l-Qorti tista' timxi fuqu hi biss ix-xhieda ta' Shephard u dak li ntqal lilha mill-persuna li harget issejjah lura l-kelb u offrietilha ghajnuna.

Minn dik ix-xhieda maghdud mal-fatt li **Shephard naqset milli tikkonferma l-identita` tal-imsemmija persuna**, u fl-isfond tal-fatt li din il-*yard j*aghmlu uzu minnha ghadd kbir ta' nies, ma jirrizultax sal-grad rikjest li l-imputat kien definittavment is-sid tal-Rottweiler.

Hu minnu li meta dik il-persuna sejjah il-kelb lura dan dahal lura kif inhu wkoll minnu li dan qal lil Shephard *"harabli harabli"*. Ghalkemm il-Qorti tista tispekula li r-Rottweiler kien tal-persuna li harget taghti l-ghajnuna lil Shephard u ghaldaqstant dan kellu l-kontroll tieghu, jerga' jigi ribadit li Shephard baqghet **<u>ma ddentifikatx lill-imputat</u> sal-grad mistenni kif lanqas ma gie ppruvat li dik il-persuna li harget taghtiha l-ghajnuna kellha l-kontroll tal-imsemmi kelb jew kienet id-detentur tieghu.**

Ghalhekk baqa ma giex ppruvat jekk fil-hin tal-aggressjoni kienitx biss dik il-persuna li kienet fil-*yard* kif lanqas ma gie pruvat – tenut kont li jinghad li dik il-*yard* hi frekwentata minn numru kbir ta' nies – min kellu l-kontroll jew detenzjoni tal-kelb imsemmi. Il-fatt li meta sejjahlu lura dan il-kelb mill-ewwel obda w dahal lura, jaghti biss indikazzjoni li kien hemm rabta bejn il-kelb u dik il-persuna izda ai fini ta' **procedimenti penali**, dan certament mhux bizzejjed.

Il-prosekuzzjoni kellha tipprova sal-grad rikjest li r-Rottweiler kien jappartjeni lill-imputat; li kien fil-kontroll tieghu. Kellha tipprova li l-imputat kien il-persuna li sejjah lura l-kelb wara li aggredixxa lis-Sinjura Shephard, li baqghet ma gharfitx lill-imputat bhala dik il-persuna li offrietilha l-ghajnuna w qaltilha li l-kelb kien harablu.

Ghal dawn il-motivi qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija w piena. fuq l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**